MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1227/1997/1

Alex Caruana
vs
Korporazzjoni Enemalta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz matul l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma giex moghti promozzjoni li kien jimmerita`.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1) Ir-rikorrent gie impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1979. Huwa hadem fit-taqsima tas-salarji b'responsabilita` ghall-pagi tad-distretti.

2) Skond ir-Riforma fis-Servizz Pubbliku li saret fl-1991 ir-rikorrent kien wasal biex jinhatar Principal (Grade IV)

b'effett minn nofs l-1995 kif jidher ukoll skond ittra (Dokument A) li giet mibghuta lill-Korporazzjoni intimata mis-Segretarju tat-Taqsima Parastatali tal-General Workers Union. L-intervent tal-Union kien dovut ghall-fatt illi r-rikorrent spicca jigi offert il-promozzjoni lilu dovuta b'effett minn Settembru 1996 minghajr arretrati. Infatti huwa baqa' minghajr il-promozzjoni misthoqqa u f'April ta' l-1997 huwa gie boarded out bhala rizultat ta' depressjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent ghandu jitqies ghall-finijiet kollha li gie promoss ghall-grad ta' Principal (Grade IV) b'effett mid-data li gustament kellha tkun id-data operativa ta' tali promozzjoni, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens xieraq mhux eccedenti l-Lm5000 kif joghgbu jistabilixxi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi kontra kif allegat mir-rikorrent l-assimilazzjoni ghall-grad ta' Principal Skala 10 ma kenitx awtomatika izda kienet tiddependi fuq rizultati ta' Performance Appraisal Report. Fil-fatt fid-dokument Recommendation for Progression & Appointment li jgib id-data ta' 17 ta' Frar 1995 is-Sur Tarcisio Mifsud - Manager tal-Finanzi mal-Korporazzjoni ma kienx irrikmanda l-progression tar-rikorrent fuq bazi tal-kapacita` u x-xoghol tieghu.

Illi s-Sur Mifsud agixxa skond il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti pprezentati mill-Korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li qal li sar eligibbli biex jinghata l-grad ta’ Principal minn Frar 1995. Qal li kien gie accertat mill-Union li hu u hamsa ohra kienu ser jigu promossi izda qal li hu kien l-uniku wiehed li thalla barra. Semma li hu kien qed jahdem il-gurnata kollha u kien hejja wkoll ‘Analysis Spread Sheet’. Qal li qatt ma abbuza mill-overtime. Ghall-habta tal-1996 kienu offrewlu promozzjoni izda minghajr l-arretrati relattivi u dan ma setax jaccettah.

In kontro ezami qal li hu kien rakkomandat mill-persuna in charge minnu pero` meta marret quddiem l-Accountant is-Sur Mifsud il-Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi kien halla lilu barra minn sitta. Originarjament kollha ma kienux rakkomandati mill-Accountant.

Xehed Lino Debono Segretarju Taqsima Komunikazzjoni u Energija tal-G.W.U. Wara li ra d-dokument a fol 4 ikkonferma li l-firma hi tieghu. Fir-rigward tad-dokument a fol 6 qal li meta jkun hemm adverse report il-Kumpanija trid tigbed l-attenzjoni tal-haddiem li l-adverse report kien sar kontra tieghu. Qal li l-haddiem ried jiffirma dan l-adverse report fejn jindika jaqbilx jew le.

Xehed Joe Mangion Principal mal-Korporazzjoni Enemalta li qal il-Head tar-rikorrent Walter Gregory irrakomandah biex minn Assistant Principal jilhaq

Principal. Qal li meta mar quddiem l-Assistant Finance Manager bidlitlu r-rapport kien A, u ghamlitulu C, u r-rikorrent kien lahaq iffirma li kien jaqbel mar-rapport. Esebixxa kopja tal-Performance Appraisal Report a fol 29 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-kaz in ezami jirrigwarda ilment ta' allegazzjoni tar-rikorrent li "Skond ir-Riforma fis-Servizz Pubbliku li saret fl-1991 ir-rikorrent kien wasal biex jinhatar Principal (Grade IV) b'effett minn nofs l-1995 kif jidher ukoll skond ittra (Dokument A) li giet mibghuta lill-Korporazzjoni intimata mis-Segretarju tat-Taqsima Parastatali tal-General Workers Union." Fil-fatt l-assimilazzjoni ghall-grad ta' Principal Skala 10 ma kienx awtomatiku izda jiddependi fuq rizultati ta' Performance Appraisal Report, liema Appraisal Report mis-Sur Tarcisio Mifsud Manager Finanzi mal-Korporazzjoni ma kienx jirrakkomanda l-progression tar-rikorrent fuq bazi ta' kapacita` u xoghol.

Illi r-rikorrent fil-kors tal-kawza sostna li hamsa ohra kienu gew moghtija l-progression waqt li hu le. Izda dan it-Tribunal certament li mhux fil-pozizzjoni li jikkonkludi li saret ingustizzja lir-rikorrent meta hu ma kellux rapport favorevoli waqt li l-ohrajn kellhom u dan minhabba li ma saret ebda prova komparattiva dwar kwalifiki, seniority, hidma etc tal-hamsa l-ohra ma' dawk tar-rikorrent. Infatti t-Tribunal anqas biss gie moghti l-ismijiet ta' dawn u certament ma giex moghti dettalji ohra.

Una volta ma giex ippruvat li l-progression kienet awtomatika, ma giex ippruvat li saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent meta l-hamsa l-ohra haduha, jifdal biss lit-Tribunal li jezamina jekk kienx hemm xi haga irregolari oggettivament fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni tar-rikorrent. Kull ma hemm hu li l-persuna direttament responsabbli mir-rikorrent hasset li l-appraisal report kellu jkun pozittiv u ghalhekk id-direct appraisor Gregory kien irrakkomanda l-increment izda l-indirect appraisor kien qal li r-ratings dwar ir-rikorrent "should read C as he only has about 58 employees on his payroll". Huwa veru li l-firma tar-rikorrent saret qabel dik tal-indirect appraisor fuq id-

dokument a fol 33, jew possibbilment saru modifiki fuqha wara li giet inizjalment iffirmata izda hawnhekk anqas biss ma gie prodott biex jixhed Tarcisio Mifsud, il-bniedem kardinali f' din il-kawza. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipproduci lil dan ix-xhud jispjega d-dokument a fol 33 izda mill-provi li ghandu t-Tribunal ma hemmx provi sufficjenti li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------